IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.12.2013
COM(2013) 755 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż tal-oriġini jew il-pajjiż ta' provenjenza tal-laħam li jintuża bħala ingredjent

{SWD(2013) 437 final}

WERREJ

1. Introduzzjoni 3
2. It-tikkettar tal-oriġini obbligatorju – ħarsa ġenerali ħafifa 3
3. Il-katina ta' provvista tal-ikel tal-UE bil-laħam użat bħala ingredjent 4
3.1. Ħarsa ġenerali lejn is-settur tal-UE 4
3.2. Il-konsum tal-laħam u l-prodotti relatati mal-laħam 4
3.3. Il-produzzjoni u ħarsa lejn il-futur 5
3.4. L-istruttura tas-settur tal-laħam tal-UE 5
3.5. Is-sistemi eżistenti tal-UE tat-traċċabbiltà 6
4. L-attitudni tal-konsumaturi lejn it-tikkettar obbligatorju tal-oriġini għal-laħam użat bħala ingredjent 7
5. Ix-xenarji possibbli u l-modalitajiet tal-oriġini li jikkonċernaw l-għoti ta' tikketar tal-oriġini għal-laħam li jintuża bħala ingredjent 7
6. L-analiżi tal-impatti u l-kostijiet u l-benefiċċji tax-xenarji differenti 8
6.1. L-impatt marbut mal-imġiba tal-konsumatur 8
6.2. L-impatti ekonomiċi 9
6.2.1. Il-kostijiet tal-operat tal-FBOs 9
6.2.2. Il-kompetittività, il-kummerċ u l-flussi tal-investimenti 9
6.2.3. Il-piż amministrattiv fuq in-negozji 10
6.2.4. Il-piż fuq l-awtoritajiet pubbliċi 10
6.2.5. Il-kostijiet għall-konsumaturi u l-impatti soċjali possibbli 11
6.2.6. L-impatti ambjentali 11
6.3. Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-modalitajiet tal-oriġini fix-Xenarji 2 u 3 11
7. Il-konklużjonijiet 13

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż tal-oriġini jew il-pajjiż ta' provenjenza tal-laħam li jintuża bħala ingredjent

1. L-INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi (minn hawn 'il quddiem, "ir-Regolament FIC")[1], li se jidħol fis-seħħ fit-13 ta' Diċembru 2014, jintroduċi sett ta' dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar tal-oriġini tal-ikel ippakkjat bil-lest maħsub biex jiġi fornut lill-konsumatur finali jew lill-caterers tal-massa. L-Artikolu 26(6) tar-Regolament FIC jirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-possibbiltà li t-tikkettar tal-oriġini obbligatorju jiġi estiż għal-laħam li jintuża bħala ingredjent fl-ikel ippakkjat bil-lest.

Dan ir-rapport jissodisfa dan l-obbligu. Dan ikopri l-laħam mill-ispeċijiet kollha (pereżempju, ċanga, laħam tal-majjal, tjur, nagħaġ u laħam tal-mogħoż, annimali tal-kaċċa, laħam tal-fenek, laħam taż-żiemel) li jintuża bħala ingredjent fl-ikel ippakkjat bil-lest.

L-objettivi prinċipali ta' dan ir-rapport huma dawn li ġejjin:

– Li tiġi vvalutata l-attitudni tal-konsumaturi lejn it-tikkettar obbligatorju tal-oriġini tal-laħam li jintuża bħala ingredjent;

– Li tiġi eżaminata l-fattibbiltà ta' dan it-tip ta' tikkettar; u,

– Li jiġu analizzati l-kostijiet u l-benefiċċji tal-introduzzjoni ta' dawn il-miżuri, inkluż l-impatt legali fuq is-suq intern u l-impatt fuq il-kummerċ internazzjonali.

Li jiġu analizzati l-kostijiet u l-benefiċċji tal-introduzzjoni ta' dawn il-miżuri, inkluż l-impatt legali fuq is-suq intern u l-impatt fuq il-kummerċ internazzjonali.

2. IT-TIKKETTAR TAL-ORIĠINI OBBLIGATORJU – ĦARSA ĠENERALI ĦAFIFA

Qabel l-adozzjoni tar-Regolament FIC, it-tikkettar obbligatorju tal-oriġini kien applikabbli għal affarijiet tal-ikel speċifiċi. L-indikazzjoni tal-oriġini bħalissa hija obbligatorja għaċ-ċanga mhix ipproċessata u għall-prodotti taċ-ċanga (pereżempju, l-ikkapuljat taċ-ċanga)[2] wara t-tifqigħa tal-kriżi tal-enċefalopatija sponġiforma bovina, il-laħam tat-tjur importat ippakkjat bil-lest, l-għasel, il-frott u l-ħaxix, il-ħut, u ż-żejt taż-żebbuġa.

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jirrevoka d-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004, (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/97, (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1).

Ir-Regolament FIC jintroduċi dispożizzjonijiet speċifiċi li jirrigwardaw l-indikazzjoni tal-oriġini fuq l-ikel fuq bażi orizzontali. B'mod partikolari:

– L-Artikolu 26(2)(b) tar-Regolament FIC jistipula li ssir l-indikazzjoni tal-oriġini obbligatorja għal-**laħam mhux ipproċessat ippakkjat bil-lest** tal-majjal, tat-tjur, tan-nagħaġ u tal-mogħoż. Il-modalitajiet għal dan it-tikkettar obbligatorju tal-oriġini se jiġu stipulati fl-att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni.

– L-Artikolu 26(3) tar-Regolament FIC jistipula li fejn tingħata l-oriġini ta' ċertu ikel u fejn din ma tkunx l-istess bħal tal-ingredjent primarju tiegħu, l-oriġini tal-ingredjent primarju għandha tingħata jew tiġi indikata li hija differenti minn tal-ikel. Il-modalitajiet għall-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli se jiġu stipulati wkoll f'att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni.

3. IL-KATINA TA' PROVVISTA TAL-IKEL TAL-UE BIL-LAĦAM UŻAT BĦALA INGREDJENT

3.1. Ħarsa ġenerali lejn is-settur tal-UE

Is-settur tal-ipproċessar tal-laħam tal-UE jirrappreżenta aktar minn 13 000 kumpanija. Huwa jħaddem madwar 350 000 ruħ u jirrappreżenta fatturat ta' EUR 85 biljun.

Il-katina tal-provvista tal-laħam li jkun se jintuża bħala ingredjent hija tassew eteroġenea kemm fir-rigward tal-atturi involuti u kemm fir-rigward tal-prodotti. Il-prodotti jistgħu jvarjaw minn preparazzjonijiet tal-laħam relattivament sempliċi, pereżempju laħam frisk bil-ħwawar/addittivi, għal prodotti relatati mal-laħam tassew sofistikati, speċjalment fil-każ tal-prodotti tal-laħam, u ikel b'ħafna ingredjenti li jkollu ingredjenti tal-laħam. Barra minn hekk, il-katina tal-provvista tal-laħam użat bħala ingredjent hija pjuttost kumplessa u twila, bl-involviment ta' diversi passi fil-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti finali.

3.2. Il-konsum tal-laħam u l-prodotti relatati mal-laħam

Il-maġġoranza l-kbira tal-konsumaturi tal-UE (83 %) jieklu l-laħam tal-anqas darbtejn jew tliet darbiet fil-ġimgħa[3]. Barra minn hekk, 88 % tal-konsumaturi tal-UE27 jixtru laħam ippakkjat bil-lest[4]. Il-maġġoranza tal-laħam huwa majjal (49%), tjur (29%) u ċanga (19%), filwaqt li n-nagħaġ, il-mogħoż u laħmijiet oħra jammontaw biss għal 3% tal-konsum tal-laħam tal-UE[5].

3.3. Il-produzzjoni u ħarsa lejn il-futur

Ġeneralment, bejn 30 % u 50 % tal-volum totali tal-laħam fil-biċċeriji jiġi pproċessat f'ingredjenti tal-laħam għal oġġetti tal-ikel (prinċipalment f'ikkapuljat/preparazzjonijiet tal-laħam/prodotti tal-laħam). B'kollox, huwa stmat li

---

3 Il-Valutazzjoni tal-Impatt – Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – L-Indikazzjoni tal-Oriġini Obbligatorja għal-laħam tal-Majjal, tat-Tjur, tan-Nagħaġ u tal-Mogħoż Mhux proċessat, għadu mhux ippubblikat.

4 Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-funzjonament tas-suq tal-laħam għall-konsumaturi fl-Unjoni Ewropea, Mejju 2013, li jinsab fuq: http://ec.europa.eu/consumers/consumer_research/market_studies/docs/mms_commission_report_en.pdf.

5 Il-Valutazzjoni tal-Impatt – Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – L-Indikazzjoni tal-Oriġini Obbligatorja għal-laħam tal-Majjal, tat-Tjur, tan-Nagħaġ u tal-Mogħoż Mhux proċessat, għadu mhux ippubblikat.

70 % tal-volum tal-produzzjoni ta' laħam ipproċessat tal-UE huwa magħmul mill-majjal, segwit mil-laħam tat-tjur (18 %), ċanga (10 %) u tipi oħra ta' laħam (2 %). Fl-2012, il-produzzjoni totali tal-UE ta' laħam frisk kienet ta' 43,5 miljun tunnellata ta' ekwivalenti għall-piż tal-karkassa (madwar 33,8 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' laħam mingħajr għadam). Skont il-previżjonijiet tas-suq għat-terminu medju, il-produzzjoni totali tal-laħam tal-UE, wara li żdiedet kemm tul l-2010 u kemm tul l-2011, issa se tiċkien bi 2 % tul is-sentejn li ġejjin. Wara dan it-tnaqqis, il-produzzjoni totali tal-laħam hija prevista li tirkupra b'mod stabbli tul perjodu ta' 10 snin u li tilħaq kważi l-45 miljun tunnellata fl-2022, bejn wieħed u ieħor l-istess livell irreġistrat fl-2011[6].

3.4. L-istruttura tas-settur tal-laħam tal-UE

Is-settur tal-ipproċessar tal-laħam tal-UE huwa kkaratterizzat minn livell baxx ta' konċentrazzjoni, fejn il-maġġoranza tal-kumpaniji huma impriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") (90%). Dawn l-SMEs huma tassew speċjalizzati u joperaw b'mod indipendenti fl-istadji differenti tal-katina tal-provvista. Barra minn hekk, teżisti integrazzjoni vertikali limitata, speċjalment fis-setturi tal-majjal u ċ-ċanga. L-integrazzjoni vertikali ġeneralment tkun aktar prevalenti fis-settur tat-tjur.

Il-proċessuri tal-laħam għandhom it-tendenza li jixtru materja prima prinċipalment mingħand il-kummerċjanti minn swieq immedjati. Kumpaniji akbar li jkunu integrati vertikalment għandhom it-tendenza li jixtru kemm mill-biċċeriji/l-impjanti tal-qtugħ u kemm mingħand il-kummerċjanti.

Id-deċiżjonijiet ta' akkwist, kif ukoll il-bidliet frewkwenti fit-taħlita tal-forniturі jiddependu fuq id-disponibbiltà ta' biżżejjed volumi ta' materja prima xierqa, l-ispeċifikazzjonijiet tal-kwalità standard iddeterminati mill-ispeċifikazzjonijiet tal-kwalità tal-prodotti finali, il-prezz kompetittiv u l-bżonn li jkun hemm adattament imħaffef għal kwalunkwe nuqqas, disturbi fis-suq u/jew flutwazzjonijiet fil-prezz, billi jinbidlu l-forniturі. Fir-rigward tal-prattiki tal-akkwist, il-proċessuri tal-laħam tal-UE għandhom tendenza li jixtru laħam mhux ipproċessat u ingredjenti oħra tal-laħam minn sorsi varji. Għall-prodotti bbażati fuq il-majjal hija prattika prevalenti li l-proċessuri tal-laħam jagħmlu l-akkwisti mingħand forniturі differenti fl-UE, filwaqt li l-akkwisti mingħand forniturі differenti kemm fl-UE kif ukoll minn pajjiżi mhux fl-UE jsiru prinċipalment fuq prodotti taċ-ċanga u tat-tjur. L-operaturi tan-negozji tal-ikel (food business operators – "FBOs"), u b'mod partikolari l-SMEs, ġeneralment ibiddlu l-forniturі tagħhom tliet darbiet jew aktar fis-sena biex jiggarantixxu livell adegwat ta' materja prima bi prezz affordabbli.

Ladarba l-kumpaniji jipproċessaw l-ingredjenti tal-laħam u jinkorporawhom fi prodotti relatati mal-laħam, dawn imbagħad jinbiegħu lill-bejjiegħa bl-ingrossa/caterers/biċċiera, sew jekk imqattgħin u/jew ippakkjati u sew jekk le.

Minħabba l-karatteristiċi tas-settur tal-ipproċessar tal-laħam tal-UE u l-kumplessità tiegħu, jidher li hemm domanda limitata mill-proċessuri għall-informazzjoni tal-oriġini fuq il-prodotti tal-laħam. Il-biċċa l-kbira tirrigwarda preparazzjonijiet tal-laħam li jkunu ġejjin minn "biċċa laħam waħda" (pereżempju, perżut imnixxef) jew prodotti li għalihom laħam ta' oriġini barranija jkun kundizzjoni speċifika għall-proċess tal-produzzjoni.

---

[6] DĠ AGRI 2013: "'Prospects for Agricultural markets and income in the EU 2012-2020', 2013" (Prospetti għas-swieq u d-dħul Agrikoli fl-UE bejn l-2012 u l-2020", 2013).

Għall-maġġoranza tal-prodotti, il-materja prima tasal fl-istadju tal-ipproċessar diġà maqtugħa, imħallta u/jew bit-trufijiet imneħħija (trimmed). Anki jekk it-trufijiet[7] jew it-taħlit tal-materja prima ma jkunux involuti qabel il-wasla fl-impjant tal-ipproċessar, it-taħlita ta' materja prima minn fornituri differenti ħafna drabi tkun il-każ.

Il-produttur ta' ikel b'ħafna ingredjenti li jkun fih ingredjenti tal-laħam jixtru l-materja prima minn għadd varjat ta' fornituri tul il-katina tal-provvista, (pereżempju, impjanti ta' qtugħ, produtturi tal-laħam separati mekkanikament, bejjiegħa bl-ingrossa jew kummerċjanti); dawn l-operaturi ma għandhomx biżżejjed setgħa ta' negozjar biex jimponu rekwiżiti dwar l-oriġini fuq il-fornituri tagħhom, billi l-kwantitajiet fornuti huma relattivament żgħar meta mqabblin ma' xerrejja prinċipali oħra.

Il-biċċeriji u l-impjanti tal-qtugħ tal-laħam huma atturi prinċipali li jgħaddu l-informazzjoni dwar l-oriġini lill-attur li jmiss fil-katina tal-provvista. Aktar ma l-livell ta' integrazzjoni vertikali jkun għoli u aktar ma l-kumpanija ma tkun kbira, aktar ikun faċli li l-informazzjoni dwar l-oriġini tingħadda tul il-katina tal-ikel. Bil-maqlub ta' dan, aktar ma l-istadji tal-qtugħ u l-ipproċessar ikunu kumplessi u aktar ma l-livell tal-ipproċessar ikun avvanzat, aktar tkun kumplessa it-traċċabbiltà għall-finijiet tat-tikkettar tal-oriġini.

Stħarriġ tal-SMEs

Fil-bidu tal-2013, twettaq stħarriġ speċjali permezz tan-Netwerk Enterprise Europe (NEE) għal-fini tar-rapport tal-Kummissjoni dwar il-possibbiltà li t-tikkettar tal-oriġini obbligatorju jiġi estiż għal-laħam li jintuża bħala ingredjent. Kien hemm 285 tweġiba mingħand l-FBOs tas-27 Stat Membru tal-UE. Hawn taħt jidher sommarju tas-sejbiet ewlenin dwar l-istruttura tas-settur:

* Madwar 51% tal-FBOs fil-kampjun kienu attivi fis-settur tal-produzzjoni tal-laħam u tat-tjur, madwar 33% kienu attivi fis-settur tal-manifattura ta' ikliet lesti, filwaqt li 31% oħra kienu attivi fis-settur tal-ipproċessar u l-priżervazzjoni tal-laħam (xi whud huma attivi f'aktar minn settur wieħed). Kważi 80% tal-FBOs fil-kampjun kienu kumpaniji tal-manifattura.
* Rigward il-post tal-attività ta' negozju/kummerċjali tal-FBOs fil-kampjun, 31% rrappurtaw li bejn 81% u 100% tal-attività tagħhom hija lokali. Minn dawn, 64% wieġbu li ebda parti mill-produzzjoni tagħhom mhi "Intra UE" (jiġifieri li hija limitata għal-Stat Membru wieħed) u 72% wieġbu li ebda parti mill-produzzjoni tagħhom hija "Extra UE".
* Rigward l-oriġini tal-materja prima mhux maħduma li jużaw, 20% tal-FBOs fil-kampjun identifikaw il-materjali mhux maħduma li jużaw bħala nazzjonali, filwaqt li 44% u 75% wieġbu li ftit li xejn mill-materjali mhux maħdumin li jużaw oriġinaw "Intra UE" u "Extra UE" rispettivament.
* 58% tal-FBOs fil-kampjun ma għandhomx faċilitajiet ta' ħżin separati għall-materjali mhux maħduma ġejjin minn sorsi differenti.
* Skont l-FBOs fil-kampjun, il-vantaġġi ewlenin tat-tagħrif tal-konsumatur dwar il-provenjenza tal-laħam, primarjament huma: il-fatt li dan iserraħ moħħ il-konsumatur dwar il-kwalità tal-prodott (61%) u li jgħin lill-konsumatur jiddistingwi bejn prodott u ieħor disponibbli.(44%).

3.5. Is-sistemi eżistenti tal-UE tat-traċċabbiltà

Is-sistemi eżistenti tat-traċċabbiltà tal-UE mhumiex addattati biex jgħaddu l-informazzjoni tal-oriġini tul il-katina tal-ikel għar-raġunijiet li ġejjin:

[7] It-trufijiet huma fdalijiet, meta l-karkassa titqatta' f'biċċiet, li jista' jkollhom valur għoli.

– Il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE dwar it-traċċabbiltà hija bbażata fuq il-bżonn primarju li tiġi żgurata s-sikurezza tal-ikel[8]. Hija stabbilita biex jittieħed biss "pass lura – pass 'il quddiem" tul il-katina tal-ikel, jiġifieri l-FBOs għandhom ikunu jistgħu jidentifikaw in-negozji li lilhom ikunu ġew fornuti l-prodotti tagħhom u jittraċċaw l-inputs tal-materja prima lura sal-fornitur immedjat. Għall-ikel ta' oriġini mill-annimali, jiġu imposti rekwiżiti ta' informazzjoni aktar dettaljata li għandha tingħadda tul il-katina tal-ikel[9]. Madankollu, dawn ir-rekwiżiti ta' traċċabbiltà ma jipprevedux faċilment l-informazzjoni tal-oriġini. Konsegwentement, "it-traċċabbiltà kumulattiva għall-finijiet ta' determinazzjoni tal-oriġini" attwalment mhix meħtieġa fil-livell tal-UE.

– Fejn jeżistu sistemi ta' traċċabbiltà aktar dettaljati, dawn ivarjaw bejn l-ispeċijiet tal-annimali differenti u ma jestendux lil hinn mill-fażi fejn il-laħam ma jkunx ipproċessat (jiġifieri, biċċeriji/impjanti tal-imballaġġ).

B'mod ġenerali, minħabba l-istruttura tal-katina tal-provvista u n-nuqqas ta' ebda interess sinifikanti bejn "negozju-u-negozju" f'din l-informazzjoni, it-trażmissjoni tal-informazzjoni tal-oriġini hemm tendenza li tieqaf fl-istadji aktar bikrija tal-katina tal-provvista (biċċeriji u impjanti tal-qtugħ).

4. L-ATTITUDNI TAL-KONSUMATURI LEJN IT-TIKKETTAR OBBLIGATORJU TAL-ORIĠINI GĦAL-LAĦAM UŻAT BĦALA INGREDJENT

Skont l-istudju tal-FCEC[10], l-oriġini tal-prodotti tal-ikel hija, b'mod ġenerali l-ħames f'ordni ta' importanza fost il-11-il fattur meqjusa li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet ta' xiri tal-konsumaturi(47,4%), wara t-togħma (82%), id-dati li juru meta l-ikel ikun fl-aħjar tiegħu u sa meta jrid jintuża (62%), id-dehra tal-ikel (61,3%) u l-prezz (48,3%). Barra minn hekk, skont il-"GfK consumer study on the meat market"[11], il-pajjiż tal-oriġini (fost 15-il aspett ta' tagħrif) huwa r-raba' aspett ta' tagħrif imfittex mill-konsumaturi meta jkunu qed jixtru prodotti li għandhom x'jaqsmu mal-laħam, (jiġifieri 48% tal-konsumaturi tal-UE, mingħajr wisq differenza bejn l-UE15 u l-UE12). L-oriġini tiġi wara d-dati "l-aħjar qabel"/"uża sa" (68%), il-prezz għal kull kilogramma (67%), u l-prezz (67%). Barra minn hekk, il-konsumaturi tal-UE x'aktarx li iktar iqisu l-pajjiż tal-oriġini meta jkunu qegħdin jixtru l-laħam frisk, inklużi preparazzjonijiet ta' laħam (45%) milli waqt ix-xiri ta' prodotti li huma bbażati fuq il-laħam (38%).[12]

---

8 L-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u li jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel, (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

9 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 931/2011 tad-19 ta' Settembru 2011 dwar ir-rekwiżiti tat-traċċabbiltà stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-ikel li joriġina mill-annimali, (ĠU L 242, 20.9.2011, p. 2).

10 L-Anness D (stħarriġ tal-konsumaturi) ta' *"Study on the application of rules on voluntary origin labelling of foods and on the mandatory indication of country of origin or place of provenance of meat used as an ingredient"*, *(minn hawn 'il quddiem, "l-istudju tal-FCEC"),* li għadu ma ġiex ippubblikat. Minħabba li dan l-istħarriġ tal-konsumaturi twettaq mill-FCEC dak iż-żmien li kien fl-aqwa tiegħu l-iskandlu dwar il-laħam taż-żiemel (bejn Diċembru 2012 u Marzu 2013) li kellu effett fuq il-fiduċja tal-konsumaturi fis-settur tal-prodotti tal-laħam/ ta' ikel li fih il-laħam, wieħed ma jistax jeskludi li dan il-fattur ikun influwenza r-riżultati ta' dan l-istudju.

11 Dan l-istudju twettaq qabel l-2013, *jiġifieri* qabel l-iskandlu dwar il-laħam taż-żiemel.

12 Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, pp. 22-28.

B'eżami aktar iffukat fuq tipi differenti ta' prodotti pproċessati bbażati fuq il-laħam, ir-riżultati tal-istħarriġ tal-konsumaturi tal-FCED juru li aktar minn 90% tal-konsumaturi li wieġbu jaħsbu li t-tikketta tal-oriġini hija importanti.[13]. Barra minn hekk, mill-istħarriġ tal-FCEC tal-konsumaturi ħarġu s-sejbiet li jidhru hawn taħt:

- B'mod ġenerali, il-konsumaturi jinteressahom li jkunu jafu iżjed dwar l-oriġini tal-laħam fil-każ ta' kull wieħed mit-tliet gruppi ta' prodotti bbażati fuq il-laħam;
- F'kull każ, l-iżjed li wrew interess il-konsumaturi kien li jkunu jafu "*f'liema pajjiż ġie prodott il-laħam"*: kważi nofs il-konsumaturi (medja tal-UE) jkunu jridu dan il-livell ta' dettall dwar l-oriġini, filwaqt li madwar terz biss tal-konsumaturi jkunu jridu ebda livell ieħor ta' dettall (kemm dawk aktar ġenerali, bħal "*prodott fl-UE jew barra l-UE",* kif ukoll aktar speċifiċi, bħall-"*pajjiż fejn l-annimal twieled/trabba/ġie mbiċċer*");
- F'kull każ hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri, fejn il-konsumaturi f'għadd ta' Stati Membri b'mod konsistenti juru iktar (jew inqas) interess fit-tagħrif dwar l-oriġini minn konsumaturi fi Stati Membri oħrajn.[14]

[13] L-istudju tal-FCEC, p. 10

[14] Dawn id-differenzi huma deskritti fid-dettall fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, pp.30-32.

F'konsultazzjonijiet li saru fil-passat, u fir-rigward tal-laħam u tal-prodotti tal-laħam, il-konsumaturi kienu rabtu l-oriġini mas-sikurezza wkoll. Filwaqt li jeżistu raġunijiet leġittmi li dak li jkun irid iku jaf l-oriġini ta' oġġett tal-ikel (pereżempju biex jappoġġja l-prodott lokali, minħabba l-karatteristiċi tal-prodott, jew għal raġunijiet etiċi jew ambjentali), raġunijiet oħrajn li ngħataw mhumiex rilevanti. Hekk hu l-każ speċjalment meta l-oriġini tintrabat mas-sikurezza, peress li l-prodotti, isiru fejn isiru fl-UE, jew jekk ikunu impurtati fl-UE, huma, fid-definizzjoni tagħhom, sikuri.[15]

Fil-present il-konsumaturi jixtru l-laħam bl-indikazzjonijiet tal-oriġini ħafna anqas milli jkunu jixtiequ, minħabba l-kunsiderazzjonijiet tal-prezz. Din is-sensittività għall-prezz hija riflessa prinċipalment fir-rispons batut min-naħa tal-konsumatur ta' "kemm wieħed huwa lest li jħallas" (willingness to pay - WTP) għat-tikkettar tal-oriġini fuq l-ikel li jintuża bħala ingredjent[16]. Mal-ewwel żieda fil-prezz 'il fuq mill-prezz bażi (+5-9 % skont il-livell ta' informazzjoni meħtieġa), id-WTP tal-konsumaturi jaqa' b'mod sinifikanti, jiġifieri b'bejn 60 % u 80 %, u jibqa' nieżel ma' kull żieda addizzjonali fil-prezz. Din it-tendenza tapplika għall-prodotti kollha koperti mir-rapport mingħajr differenzi sinifikanti bejniethom.

Dawn is-sejbiet jikkonfermaw "paradoss" jew diskrepanza bejn l-interess tal-konsumaturi fit-tikkettar tal-oriġini u kemm wieħed huwa lest li jħallas għal dik l-informazzjoni. Il-konsumaturi jkunu interessati li jirċievu l-informazzjoni – bl-ogħla livell ta' dettall possibbli – li kieku din l-informazzjoni tkun offruta mingħajr żieda fil-prezz. Ġeneralment, il-konsumaturi ma jkunux konxji mill-kostijiet addizzjonali marbutin mat-tikkettar tal-oriġini u jemmnu li dawn il-kostijiet ikunu marbutin biss mal-"kost tal-linka addizzjonali li tintuża għall-istampar"[17]. Dan il-paradoss jintwera wkoll fil-qabża, li ġiet osservata f'għadd ta' studji, bejn l-intenzjonijiet u l-imġiba tal-xiri reali, fejn il-prezz huwa fattur tassew importanti li jispjega din il-qabża[18]. Jekk it-tikkettar obbligatorju tal-oriġini jirriżulta f'żieda fil-prezz għall-konsumaturi, jista' jonqos il-konsum tal-ikel bil-laħam użat bħala ingredjent .

5. IX-XENARJI POSSIBBLI U L-MODALITAJIET TAL-ORIĠINI LI JIKKONĊERNAW L-GĦOTI TA' TIKKETAR TAL-ORIĠINI GĦAL-LAĦAM LI JINTUŻA BĦALA INGREDJENT

Għall-finijiet ta' dan ir-rapport, ix-xenarji li ġejjin qed jiġu enfasizzati[19]:

– Xenarju 1 – It-tikkettar tal-oriġini jinżamm fuq bażi volontarja;

– Xenarju 2 – L-introduzzjoni ta' tikkettar obbligatorju tal-oriġini bbażat fuq (a) UE/mhux fl-UE jew (b) UE/pajjiż terz;

– Xenarju 3 – L-introduzzjoni ta' tikkettar obbligatorju tal-oriġini li jindika l-Istat Membru jew il-pajjiż terz.

---

15 Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, p. 40.

16 L-Anness D tal-istudju tal-FCEC.

17 *"Study on mandatory origin labelling for pig, poultry and sheep and goat meat"*, LEI Wageningen University (2013).

18 L-istudju tal-FCEC, p. 25.

19 Xenarji oħra (jiġifieri, tikkettar obbligatorju li jindika l-post tal-provenjenza f'livell ogħla jew aktar baxx minn pajjiż, tikkettar tal-oriġini obbligatorju bbażat fuq l-oriġini maqsum fi tliet stadji – "imwieled, imrobbi u maqtul" jew it-tikkettar obbligatorju tal-oriġini bbażat biss fuq il-post tat-twelid, jew il-post tat-twelid u l-qatla jew il-post tal-qatla biss) ma kinux ikkunsidrati fattibbli u għalhekk ma ġewx analizzati fid-dettall.

Biex tiġi ddeterminata l-oriġini bix-xenarji 2 u 3, ġew studjati modalitajiet differenti għat-tliet kategoriji prinċipali tal-prodotti kkonċernati f'ordni ta' pproċessar li jiżdied:

- Kategorija I: Preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti magħmulin minn laħam isseparat mekkanikament:
  - Oriġini kif inhi ddefinita fil-Kodiċi Doganali, jiġifieri l-pajjiż minn fejn inkiseb l-ingredjent kollu jew il-pajjiż tal-aħħar trasformazzjoni sostanzjali tal-ingredjent li hu laħam;
  - Informazzjoni dwar l-oriġini marbuta mal-provenjenza tal-materja prima, jiġifieri l-post tal-perjodu minimu tat-trobbija qabel il-qatla u l-post tal-qatla.
- Kategorija II: Prodotti tal-laħam:
  - Oriġini kif inhi ddefinita fil-Kodiċi Doganali, jiġifieri l-pajjiż minn fejn ikun inkiseb l-ingredjent kollu jew il-pajjiż tal-aħħar trasformazzjoni sostanzjali tal-ingredjent li hu laħam;
  - Informazzjoni dwar l-oriġini marbuta mal-provenjenza tal-materja prima, jiġifieri l-post tal-perjodu minimu tat-trobbija qabel il-qatla u l-post tal-qatla.
- Kategorija III: Ikel b'ħafna ingredjenti li fih ingredjent(i) tal-laħam:
  - Oriġini kif inhi ddefinita fil-Kodiċi Doganali, jiġifieri l-pajjiż minn fejn ikun inkiseb l-ingredjent kollu jew il-pajjiż tal-aħħar trasformazzjoni sostanzjali tal-ingredjent li hu laħam;
  - Informazzjoni dwar l-oriġini marbuta mal-provenjenza tal-materja prima, jiġifieri l-post tal-perjodu minimu tat-trobbija qabel il-qatla u l-post tal-qatla.

6. L-ANALIŻI TAL-IMPATTI U L-KOSTIJIET U L-BENEFIĊĊJI TAX-XENARJI DIFFERENTI

6.1. L-impatt marbut mal-imġiba tal-konsumatur

It-tikkettar li juri l-oriġini jagħti tagħrif miżjud lill-konsumaturi biex ikunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati dwar liema huwa l-ikel li jridu jixtru u jikkunsmaw. B'mod ġenerali, bosta konsumaturi jassoċjaw it-tikkettar dwar l-oriġini ma' firxa ta' attribwiti pożittivi, fosthom il-kwalità. Huwa diffiċli li wieħed jagħmel stima tal-impatt tat-tikkettar dwar l-oriġini fuq il-konsumaturi f'termini ta' analiżi tal-kosti u l-benefiċċji.

Fix-xenarju 1, l-informazzjoni tal-oriġini għall-ingredjent(i) tal-laħam ma tingħatax b'mod sistematiku lill-konsumaturi. Din ma tipprovdix soluzzjoni kompletament sodisfaċenti għad-domanda tal-konsumaturi għall-informazzjoni tal-oriġini, għalkemm tikkorrispondi aħjar mar-rieda baxxa tal-konsumaturi li jħallsu għal informazzjoni addizzjonali dwar l-oriġini.

Ix-xenarji 2 u 3 jipprovdu b'mod sistematiku l-informazzjoni tal-oriġini dwar il-laħam użat bħala ingredjent lill-konsumaturi. Ix-xenarju 2, minħabba li huwa inqas informattiv mix-xenarju 3, jista' jiġi kkunsidrat bħala ġeneriku żżejjed u li ma jimmeritax żieda fil-prezz. Ix-xenarju 3 jkun jipprovdi informazzjoni utli lill-konsumaturi.

Iż-żieda fil-prezz li x'aktarx tirriżulta tista' madankollu taffettwa b'mod negattiv il-konsum tal-ikel marbut mal-laħam.

6.2. L-impatti ekonomiċi

6.2.1. Il-kostijiet tal-operat tal-FBOs

Ix-xenarju 1 ma jqajjimx sfidi addizzjonali operattivi meta mqabbel mas-sitwazzjoni attwali. Dan jista' jkun aktar addattat f'każijiet fejn il-laħam tal-UE jitħallat ma' laħam li ma joriġinax mill-UE fil-proċess tal-produzzjoni. Il-kostijiet tal-operat (pereżempju, il-kostijiet tal-produzzjoni, l-akkwist u t-traċċabbiltà) jinżammu f'minimu.

Ix-xenarji 2 u 3 jimponu sfidi operattivi u jeħtieġu addattamenti radikali speċjalment fir-rigward tal-ingredjenti tal-laħam ta' oriġini mħallta (UE/mhux mill-UE). L-FBOs x'aktarx iġarrbu kostijiet addizzjonali kunsiderevoli tal-operat kif jidher hawn taħt:

- L-estent tal-kostijiet addizzjonali jista' jvarja, billi dawn jiddependu fuq is-sitwazzjoni operattiva partikolari tal-FBOs ikkonċernati, l-ispeċijiet ta' annimali kkonċernati u t-tip ta' sistemi ta' traċċabbiltà eżistenti.
- Il-kostijiet li jintlaqtu l-aktar x'aktarx ikunu: l-addattament tal-prattiki tal-akkwist, il-bidliet possibbli fit-taħlita tal-forniturі, l-użu ta' lottijiet tal-produzzjoni iżgħar, l-adattament tal-proċess tal-produzzjoni biex tintlaħaq segregazzjoni skont l-oriġini fil-post, l-addattament tal-ippakkjar/tat-tikkettar u l-implimentazzjoni/addattament tas-sistemi tat-traċċabbiltà.
- Il-kostijiet addizzjonali għax-xenarju 2 x'aktarx li jvarjaw minn negliġibbli għal 25 %, filwaqt li għax-xenarju 3 x'aktarx li dawn ivarjaw minn +15-20 % sa 50 %. Il-kostijiet addizzjonali tat-traċċabbiltà huma stmati li jkunu fil-medda ta' bejn +3 % sa +10 % tal-kostijiet totali tal-produzzjoni.
- In-negozju tal-fdalijiet u x-xaħam x'aktarx li jkun affettwat b'mod negattiv. Minħabba d-diffikultà biex tiġi implimentata sistema xierqa ta' traċċabbiltà, huwa wisq probabbli li l-FBOs jibdew ftit ftit inaqqsu l-użu ta' dawn il-prodotti. Dan jista' jisfa f'telf addizzjonali, li hu stmat għal 10% tal-introjtu tal-biċċeriji u l-impjanti tal-qtugħ. Iżda l-impatt fil-biċċa l-kbira jkun jiddependi fuq il-modalitajiet applikabbli għad-determinazzjoni tat-tikkettar tal-oriġini.

6.2.2. Il-kompetittività, il-kummerċ u l-flussi tal-investimenti

L-impatt tal-kompetittività u l-kummerċ intra-UE/internazzjonali fix-xenarju 1 ikun minimu.

Ix-xenarji 2 u 3 x'aktarx li jkollhom l-impatti li ġejjin fuq il-kompetittività u l-kummerċ intra-UE:

- X'aktarx li jkun hemm bidliet fil-katina tal-provvista li jirriżultaw ukoll f'segmentazzjoni tal-kummerċ u fi tnaqqis fl-għadd ta' intermedjarji u l-għadd tal-ingredjenti tal-laħam. Tabilħaqq, l-FBOs jikkunsidraw aktar kosteffettiv li jaddattaw l-istruttura tal-provvista (l-akkwist, id-daqs tal-lottijiet, it-tneħħija tal-intermedjarji) milli jaġġornaw is-sistemi interni tat-traċċabbiltà.
- X'aktarx li l-FBOs jaffaċċjaw prezzijiet ogħla minħabba li l-bażi tal-provvista ġenerali tagħhom tiġi limitata.
- Il-punti ta' bejgħ tal-ingredjenti tal-laħam ta' oriġini mħallta jew tat-trufijiet/xaħam isiru limitati.

– L-FBOs li jużaw l-ingredjenti tal-laħam jintlaqtu b'mod negattiv meta mqabblin mal-FBOs li ma jużawx ingredjenti bħal dawn.

– X'aktarx li jkun hemm bidliet fil-flussi tal-kummerċ intra-UE ta' annimali ħajjin, tal-laħam mhux ipproċessat u tal-ingredjenti tal-laħam.

– Jista' jitfaċċa r-riskju ta' segmentazzjoni fis-suq tal-prodotti tal-ikel bix-xenarju 3.

Ix-xenarji 2 u 3 x'aktarx li jkollhom l-impatti li ġejjin fuq il-kummerċ internazzjonali:

– X'aktarx li jkun hemm bidliet fl-istruttura/fil-volum ġeografika/u tal-flussi tal-kummerċ bejn l-UE u pajjiżi terzi. F'dak ir-rigward, trażmissjoni tal-FBOs tal-UE lejn fornituri tal-UE x'aktarx li sseħħ biex jiġu evitati l-kumplessitajiet li jirriżultaw minn postijiet ta' oriġini differenti minn madwar l-UE u minn diversi pajjiżi terzi.

– L-FBOs tal-pajjiżi terzi x'aktarx li jġarrbu kostijiet addizzjonali, speċjalment bix-xenarju 3.

Dawn l-impatti jikkonċernaw b'mod speċjali dawk il-pajjiżi terzi li attwalment jesportaw kwantitajiet sinifikanti ta' laħam/ingredjenti tal-laħam mhux ipproċessat lejn l-UE: it-Tajlandja u l-Brażil għat-tjur, il-Brażil u l-Arġentina għaċ-ċanga. Madankollu, l-estent tal-impatt se jiddependi mid-dispożizzjonijiet nazzjonali fis-seħħ li jikkonċernaw it-tikkettar tal-oriġini, jekk dawn ikunu jeżistu[20]. L-importazzjoni tal-majjal u l-laħam tan-nagħaġ għall-ipproċessar hija virtwalment noneżistenti.

6.2.3. Il-piż amministrattiv fuq in-negozji

Ix-xenarju 1 jirriżulta f'piż amministrattiv negliġibbli u li jkun biss għan-negozji li jipprovdu l-oriġini tal-ikel finali u fejn dik l-oriġini tkun differenti mill-ingredjent(i) primarju/i tal-laħam. Bix-xenarju 2, il-piż totali huwa stmat li jkun negliġibbli wkoll. Madankollu, bix-xenarju 3, il-piż amministrattiv addizzjonali jista' jirriżulta f'żieda ta' bejn 8 % u 12 % tal-kostijiet totali tal-produzzjoni.

6.2.4. Il-piż fuq l-awtoritajiet pubbliċi

Ix-xenarju 1 mhuwiex mistenni li jirriżulta f'kostijiet addizzjonali ta' kontroll, barra mill-kostijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni ġenerali tal-Artikolu 26(3) tar-Regolament FIC.

Madankollu, żieda ta' bejn 10 % u 30 % fil-kostijiet ta' kontroll hija mistennija bix-xenarju 2 (f'livell inqas) u 3 skont il-livell ta' dettall tal-informazzjoni tal-oriġini meħtieġa. Din iż-żieda tkun aktar f'termini tal-għadd tal-persunal meħtieġ, filwaqt li bix-xenarju 3 din iż-żieda tista' tinkludi wkoll il-ħin tal-persunal addizzjonali, minħabba li l-kostijiet tal-konformità huma prinċipalment ibbażati fuq verifiki dokumentarji. Jekk il-finanzjament allokat lill-awtoritajiet ta' kontroll mill-baġits tal-istat ma jiżdiedx – li fl-ambjent ekonomiku kurrenti jidher li hu probabbli – iż-żieda mistennija fil-persunal/ħin tal-persunal meħtieġa tista' twassal għal riskju miżjud ta' frodi. Madankollu, il-piż fuq l-awtoritajiet pubbliċi jista' jitnaqqas f'każ li jiddaħħlu t-tariffi fis-seħħ biex jitwettqu l-kontrolli uffiċjal.

[20] Pereżempju, jidher li fil-Brażil it-traċċabbiltà u t-tikkettar tal-oriġini attwalment jingħataw fil-livell tal-pajjiż abbażi tal-post tal-irziezet u t-trobbija.

6.2.5. Il-kostijiet għall-konsumaturi u l-impatti soċjali possibbli

L-għoti tal-informazzjoni tal-oriġini huwa mistenni li jwassal għal kostijiet miżjuda, li madwar 90 % minnhom huwa stmat li se jingħaddew lill-konsumatur filwaqt li 10 % biss jingħaddew lill-produttur. Dawn il-perċentwali jistgħu jvarjaw skont is-settur, il-pajjiż ikkonċernat u l-livell ta' integrazzjoni vertikali u konċentrazzjoni tas-suq.

Mhuwiex probabbli li x-xenarju 1 jirriżulta f'żieda fil-prezz totali. Iżda fejn tingħata l-informazzjoni tal-oriġini, il-kostijiet addizzjonali x'aktarx li jingħaddew fuq il-konsumatur, u dan jirriżulta fi prodotti bi primjum fil-prezz.

Ix-xenarji 2 u 3 x'aktarx li jirriżultaw f'żieda fil-prezz totali tal-konsumatur, li jkun ogħla fil-każ tal-aħħar. Ix-xenarju 3 – u f'estent anqas ix-xenarju 2 – jistgħu jirriżultaw fi tnaqqis fil-konsum ta' prodotti relatati mal-laħam. Impatti soċjali oħra jistgħu jinvolvu wkoll dan li ġej: is-segmentazzjoni tas-suq tal-konsum tal-laħam; l-addattament tax-xejriet tal-akkwisti; l-eliminazzjoni tal-intermedjarji; u l-impjieg jista' jiġi affettwat negattivament.

6.2.6. L-impatti ambjentali

L-impatt ambjentali tax-xenarju 1 x'aktarx li jkun minimu. Huwa probabbli li kemm ix-xenarji 2 u 3 iwasslu għal żieda fil-ħela tal-ingredjenti, speċjalment fil-każ tat-trufijiet/ix-xaħam. Ix-xenarju 3 jista' jipprovdi wkoll inċentiva biex jiġu kkunsmati l-prodotti li jiġu manifatturati fil-viċinanzi.

6.3. Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-modalitajiet tal-oriġini fix-Xenarji 2 u 3

It-Tabella ta' hawn taħt tipprovdi sommarju tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-modalitajiet tal-oriġini kkunsidrati fix-xenarji 2 u 3 (tikkettar obbligatorju tal-oriġini):

Il-modalitajiet fix-xenarji 2 u 3		**Il-vantaġġi**	**L-iżvantaġġi**
Il-kategorija I: Preparazzjonijiet tal-laħam/laħam separat mekkanikament	Il-pajjiż fejn inkiseb l-ingredjent kollu jew il-pajjiż tal-aħħar trasformazzjoni sostanzjali (il-Kodiċi Doganali)	– Tipprovdi informazzjoni utli lill-konsumatur; – It-trufijiet u x-xaħam jistgħu jintużaw bħala ingredjenti, fejn l-oriġini tiġi ddeterminata bħala l-pajjiż tal-aħħar trasformazzjoni sostanzjali.	– Sistemi ta' traċċabbiltà addizzjonali; – L-implimentazzjoni tista' tkun ta' sfida jekk ikunu involuti diversi postijiet ta' oriġini; – It-trufijiet u x-xaħam x'aktarx li ma jintużawx bħala ingredjenti f'każijiet, fejn l-oriġini tiġi ddeterminata bħala l-post tat-trobbija minima qabel il-qatla minħabba d-diffikultajiet tal-ħżin/tat-traċċabbiltà.
	Post tat-trobbija minima qabel il-qatla + post tal-qatla	– Tagħmel iżjed enfasi fuq il-provenjenza tal-materja prima fil-każi meta l-ingredjent ma jkunx ġie akkwistat kollu	– Sistemi ta' traċċabbiltà addizzjonali; – L-implimentazzjoni tista' tkun ta' sfida jekk ikunu involuti

		minn pajjiż wieħed.	diversi postijiet ta' oriġini; – It-trufijiet u x-xaħam x'aktarx li ma jintużawx bħala ingredjenti minħabba d-diffikultajiet tal-ħżin/tat-traċċabbiltà.
Il-kategorija II: Prodotti tal-laħam	Il-pajjiż fejn inkiseb l-ingredjent kollu jew il-pajjiż tal-aħħar trasformazzjoni sostanzjali (il-Kodiċi Doganali)	– Tpoġġi enfasi akbar fuq il-post tal-ipproċessar fejn japplika l-pajjiż tal-aħħar trasformazzjoni sostanzjali; – Teknikament fattibbli għall-FBOs; – Iktar prattika, jekk ikunu involuti diversi postijiet ta' oriġini, – It-trufijiet u x-xaħam jistgħu jintużaw bħala ingredjenti.	– Ma tipprovdix informazzjoni ġdida dwar il-provenjenza tal-materja prima fejn japplika l-pajjiż tal-aħħar trasformazzjoni sostanzjali.
	Post tat-trobbija minima qabel il-qatla + post tal-qatla	– Tpoġġi aktar enfasi fuq il-provenjenza tal-materja prima fil-każi meta l-ingredjent ma jkunx ġie akkwistat kollu minn pajjiż wieħed.	– Ma tipprovdi l-ebda informazzjoni dwar il-post tal-ipproċessar; – Sistemi ta' traċċabbiltà addizzjonali; – Ta' sfida partikolari fejn ikunu involuti diversi postijiet ta' oriġini; – It-trufijiet u x-xaħam x'aktarx li ma jintużawx bħala ingredjenti minħabba d-diffikultajiet tal-ħżin/tat-traċċabbiltà.
Il-kategorija III: Ikel b'ħafna ingredjenti bil-laħam użat bħala ingredjent	Il-pajjiż fejn inkiseb l-ingredjent kollu jew il-pajjiż tal-aħħar trasformazzjoni sostanzjali (Kodiċi Doganali)	– Tpoġġi enfasi akbar fuq il-post tal-ipproċessar fejn japplika l-pajjiż tal-aħħar trasformazzjoni sostanzjali; – It-trufijiet u x-xaħam jistgħu jintużaw bħala ingredjenti.	– Ma tipprovdix informazzjoni ġdida dwar il-provenjenza tal-materja prima fejn japplika l-pajjiż tal-aħħar trasformazzjoni sostanzjali; – Sistemi ta' traċċabbiltà addizzjonali; – Ta' sfida partikolari fejn ikunu involuti diversi postijiet ta' oriġini.
	Post tat-trobbija minima qabel il-qatla + post tal-qatla	– Tpoġġi aktar enfasi fuq il-post tal-provenjenza tal-	– Ma tipprovdi l-ebda informazzjoni dwar il-post tal-ipproċessar;

		materja prima fil-każi meta l-ingredjent ma jkunx ġie akkwistat kollu minn pajjiż wieħed.	– Sistemi ta' traċċabbiltà addizzjonali; – Ta' sfida partikolari fejn ikunu involuti diversi postijiet ta' oriġini; – It-trufijiet u x-xaħam x'aktarx li ma jintużawx bħala ingredjenti.

7. IL-KONKLUŻJONIJIET

L-interess tal-konsumaturi fit-tikkettar tal-oriġini għall-ingredjenti tal-laħam jidher li huwa pjuttost qawwi. Jeżistu differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri differenti fir-rigward tal-preferenzi tal-konsumaturi u l-fehim ta' x'inhi informazzjoni tal-oriġini, kif ukoll il-livelli ta' motivazzjoni/raġunijiet għal informazzjoni ta' dan it-tip. L-interess qawwi tal-konsumaturi b'mod ġenerali fit-tikkettar tal-oriġini, (a) dan jiġi kklassifikat wara l-prezz u l-aspetti ta' kwalità/sensi fir-rigward tal-aktar fatturi importanti li jaffettwaw l-għażla tal-konsumatur u (b) ma jiġix rifless f'"kemm hu lest li jħallas" il-konsumatur relevanti; b'żidiet fil-prezz ta' anqas minn 10%, "kemm hu lest li jħallas" il-konsumatur jinżel b'60 sa 80%.

Il-fattibbiltà u l-impatt tat-tikkettar tal-oriġini jiddependu ħafna fuq in-natura u l-modalitajiet applikabbli, kif ukoll min-natura tal-prodotti kkonċernati. Għall-finijiet ta' dan ir-rapport, ġew eżaminati tliet xenarji:

– Xenarju 1 – It-tikkettar tal-oriġini jinżamm fuq bażi volontarja;

– Xenarju 2 – L-introduzzjoni ta' tikkettar obbligatorju tal-oriġini bbażat fuq (a) UE/mhux UE jew (b) UE/pajjiż terz;

– Xenarju 3 – L-introduzzjoni ta' tikkettar obbligatorju tal-oriġini li jindika l-Istat Membru jew il-pajjiż terz.

Ix-xenarju 1 ma jqajjimx sfidi operattivi addizzjonali għall-FBOs, minħabba li l-kostijiet operattivi, l-impatt fuq il-kummerċ tal-UE u dak internazzjonali, il-piż amministrattiv, il-piż fuq l-awtoritajiet pubbliċi u l-kostijiet addizzjonali li jingħaddew lill-konsumatur jinżammu f'minimu. Madankollu, dan ma jipprovdix soluzzjoni kompletament sodisfaċenti għad-domanda tal-konsumaturi għall-informazzjoni tal-oriġini.

Kemm ix-xenarju 2 (f'livell anqas) kif ukoll ix-xenarju 3 jissodisfaw il-ħtieġa tat-tagħrif lill-konsumatur dwar l-oriġini filwaqt li jkunu jimponu sfidi fit-tħaddim u jirrikjedu l-addattamenti radikali fil-katina tal-ikel. Ix-xenarju 2 huwa meqjus aktar fattibbli mix-xenarju 3. B'mod partikolari:

Ix-xenarju 2 ikun jissodisfa d-domanda tal-konsumatur għat-tagħrif dwar l-oriġini, iżda dan jista' jitqies li hu ġeneriku żżejjed u ma jiġġustifikax iż-żieda fil-prezz li tista' tirriżulta minn kostijiet operazzjonali addizzjonali għall-FBOs (firxa ta' bejn kostijiet negliġibbli għal sa 25 %). Rigward il-kompetittività u l-kummerċ, bidliet fil-katina tal-provvista, jistgħu jagħtu riżultat ta' segmentazzjoni tas-suq u tnaqqis fl-għadd ta' intermedjarji u fl-għadd ta' ingredjenti tal-laħam. Fir-rigward tal-kummerċ internazzjonali, dan ix-xenarju huwa wisq probabbli li jibdel il-flussi tal-kummerċ, bir-riskju ta' trażmissjoni tal-FBOs tal-UE lejn fornituri tal-UE, u jżid il-kostijiet

għal FBOs tal-pajjiżi terzi. Filwaqt li l-piż amministrattiv għall-operaturi tan-negozji tal-ikel huwa stmat bħala negliġibbli, il-piż fuq l-awtoritajiet pubbliċi mistenni li jiżdied b'bejn 10 u 30%.

Ix-xenarju 3, minn naħa jipprovdi tagħrif utli għall-konsumaturi, meta wieħed iqis li dawn, f'il-biċċa l-kbira jkunu jridu jafu iżjed dwar l-oriġini tal-laħam għat-tliet gruppi ta; prodotti bbażati fuq il-laħam, u min-naħa l-oħra dan x'aktarx li se jikkawża kostijiet miżjuda għall-FBOs li jirriżulta f'żieda fil-prezzijiet, skont it-tip ta' ingredjenti ta' laħam ikkonċernati u l-prodott(i) finali, li jistgħu jaffettwaw il-konsum. Il-kostijiet operazzjonali miżjuda għall-FBOs f'dan ix-xenarju probabbilment ikunu jiżdiedu bejn il-15 u l-20% sa 50%. Rigward il-kompetittività u n-negozju, l-impatt ikun simili, għal dak fix-xenarju 2, iżda aktar prominenti. Żieda fil-piż amministrattiv tista' tikkawża żieda ta' bejn 8 % u 12 % fil-kostijiet totali tal-produzzjoni filwaqt li l-piż fuq l-awtoritajiet pubbliċix'aktarx ikun ikbar minn dak fix-xenarju 2. Jekk il-finanzjament allokat lill-awtoritajiet tal-kontroll mill-baġits tal-istat ma jiżdiedx, li fl-ambjent ekonomiku attwali hija x-xejra prevalenti, probabbilment ikun hemm tnaqqis fil-frekwenza tal-kontrolli jew bidla fil-prijoritajiet.L-impożizzjoni possibbli tat-tariffi għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali tista' tnaqqas il-kostijiet tal-kontrolli uffiċjali.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li x-xenarji possibbli kollha joffru vantaġġi/żvantaġġi li jeħtieġ li jiġu diskussi b'mod mifrux mal-Kunsill u mal-Parlament Ewropew. Abbażi ta' dawn id-diskussjonijiet, il-Kummissjoni tikkonsidra jekk se jittieħdu passi, liema għandhom ikunu l-passi xierqa li jmiss. Fosthom, jekk ikun xieraq, tista' tiġi ppreżentata proposta leġiżlattiva għar-regolazzjoni tat-tikkettar dwar l-oriġini tal-laħam li jintuża bħala ingredjent fl-ikel.